**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

**Laqgħa Numru 6** **Nhar it-Tnejn 26 ta ' Novembru 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:00pm.

Preżenti:

- Neville Chetcuti – Sindku
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Martin Vella – Kunsillier
- Jessica Borg – Kunsilliera
- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Tania Borg – Kunsilliera
- Conrad Borg Manche – Kunsillier
- Ryan Sciberras – Kunsillier

Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

- Aaron Caruana – Kunsillier

Assenti:

Ħadd

Uffiċjali Preżenti:

Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti - is-Sindku Neville Chetcuti, Joyce Bray, Martin Vella, Jessica Borg, Ralph Mangion, Ryan Sciberras, Tania Borg , Conrad Borg Manche .

6.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji

6.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-ħamsa ta' filgħaxija. Is-Sindku Neville Chetcuti beda l-laqgħa b'talba.

6.1.2 Is-Sa Mandy Farrugia, Deputat Segretarju Eżekuttiv, ikkonfermat ir-riċeviment ta' ittra ta' apoloġiji mill-kunsillier assenti.

---

6.2 Approvazzjoni tal-Minuti Preċedenti

6.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 5 ġew mqassma u ttieħdu bħala moqrija.

6.2.2 Klarifika fuq punt 4.3.6: Is-Sindku qal li mhux Triq Sir Charles Cameron biss inbidlu n-numri, iżda kien hemm aktar toroq.

6.2.3 Is-Sindku qal li l-proċedura għall-installazzjoni tas- sleeping police inbidlet. Qal li kull hump jeħtieġ il-firem mir-residenti li jgħixu faċċata tal-hump biex ma jkunx hemm problemi wara minħabba l-ħoss.

6.3 Korrespondenza mis-Sindku

6.3.1 Is-Sindku Neville Chetcuti informa li d-dwal tal-Milied se jibdew jitwaħħlu mill-ewwel ġimgħa ta' Diċembru. Esprima li għas-sena d-dieħla għandu joħroġ tender.

6.3.2 Is-Sindku spjega li l-Għaqda Mużikali Mount Carmel, flimkien mal-Kunsill, jixtiequ jallegraw lit-tfal billi jmorru fl-iskola u idoqq għanjiet tal-Milied. Din l-ispiża tiġi tiswa €400. Parti mill-attivitajiet tal-Milied se tinkludi purċissjoni tal-Bambin bil-banda, li tiswa €1,000.

6.3.3 Fil-15 ta' Diċembru, il-Kunsill ser jorganizza attività fid-dar tal-anzjani Vivan Care fejn, flimkien ma' kor tat-tfal, se jallegraw lill-anzjani.

6.3.4 Il-Kunsill irċieva email biex fit-Triq Nazju Ellul issir speeding bump u zebra crossing. Il-Kunsill iddiskuta li, jekk issir zebra crossing fil-kantuniera, din m'għandhiex tiehu parking bay, iżda lanqas ma tridx tkun ta' periklu għal dawk li jaqsmu.

6.3.5 Is-Sindku qal li rċieva lment dwar problema ta' parking fit-Triq Nazju Ellul. Residenti ssuġġerew li ssir sistema ta' parkeġġ bl-arloġġ, kif ukoll fit-Triq Luqa Briffa u Triq De Vilhena. Is- Sindku qal li ma jaqbilx

6.3.6 Is-Sindku informa li l-għassa tal-Gżira waslet fl-aħħar fażi biex tiftaħ il-bibien tagħha, u se jkollna għassa ġdida fil-Gżira.

6.3.7 Is-Sindku qal li se jsebbħu l-pots ta' madwar il-knisja billi jżidu fjuri jew pjanti fihom.

6.3.8 Is-Sindku spjega li tkellem mas-Sur Stivala biex jara jekk jistax jisponsorja l-ewwel AI Camera.

6.3.9 Is-Sindku rrefera għad-dawl tal-Milied, li għandu jkun mixgħul fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru. Hu spjega li għas-snin li gejjin se joħroġ tender ta' tliet snin.

6.3.10 Il-Kunsilliera Jessica Borg spjegat li għall-villaġġ tal-Milied, li se jsir fil-22 ta' Diċembru fi Triq Manoel De Vilhena, kollox hu lest.

6.3.11 Is-Sindku qal li l-Kunsilliera Tania Borg tista' tkompli tikkomunika mal-iskola fuq Eco Skola.

---

6.4 Skema SPI.SCI/08/2025 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025

Il-Kunsill Lokali laqa' l-iskema u xtaq japplika għal attività għat-tfal fit-28 ta' Frar 2025.

---

6.5.1 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tal- Kunsilliera Joyce Bray , sekondat mil-Kunsillier Conrad Borg Manche, ġiet approvata l-iskeda 5/9 bla oġġezzjoni.

---

6.6 Tmiem tal-Laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-6:35 pm. Is-seduta li jmiss se ssir nhar it-18 ta' Diċembru. Din il-laqgħa ġiet konfermata fis-26 ta' Novembru 2024.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Neville Chetcuti Is-Sa. Mandy Farrugia

Sindku Deputat Segretarju tal-Eżekutiv